**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Francis Mallia**

Numru: 1140/2014

Illum 26 ta' Gunju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Francis Mallia**, bin Alfred u Josephine neé Tanti, imwieled fit-30 ta' Settembru 1977 u joqghod 14, Flat 2, Triq John Zammit, Zebbug, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 486777(M)

akkuzat talli fil-15 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' 19.15hrs, fl-ahrax tal-Mellieha waqt li kien qed isuq il-vettura numru tar-registrazzjoni GQZ 080:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura numru JAE 476 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Brandon Muscat;

2. b'nuqqas ta' hsieb, bi trasuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Brandon Muscat skont kif iccertifika Dr. Easther Ikhau M.D. ta' Mater Dei;

3. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament kkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clayton Falzon skont kif iccertifika Dr. Neville Borg M.D. ta' Mater Dei;

4. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dean Sciberras skont kif iccertifika Dr. Paul Zammit M.D. ta' Mater Dei.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 26).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 25).

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 78 *et seq.*).</u>

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 85), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2018, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 101 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, lix-xhud prodott mid-difiza (*a fol.* 106 *et seq.*) u semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz (*a fol.* 105).

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet ser tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta fl-atti processwali (*a fol.* 105).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fl-10 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 111 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015, xehed **PS 1300 Julian Fenech** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn qal li fil-15 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tas-7.15pm gie nfurmat li fit-triq principali fl-ahrax tal-Mellieha kien sehh incident u weggghu xi persuni. Jghid li mar fuq il-post fejn sab vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni JAE 476 totalment mghaffga gol-hajt u l-quddiem kien hemm vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni GQZ 080. Jghid li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE 476 kienet misjuqa minn Brandon Muscat u mieghu kellu lil Ryan Falzon, Clayton Falzon u Dean Sciberras bhala passiggieri fejn filwaqt li Brandon Muscat u Clayton Falzon

gew certifikati li kellhom griehi ta' natura gravi, Dean Sciberras gie certifikat li kellu griehi ta' natura hafifa. Gharaf certifikati *a fol.* 3 u 4 li jikkoncernaw lil Clayton Falzon u Brandon Muscat rispettivament u gharaf ukoll certifikat *a fol.* 5 li jikkoncerna lil Dean Sciberras. Jghid li fuq il-post marret ambulanza. Jghid li Ryan Falzon ma weggax. Jixhed li l-vettura l-ohra kienet misjuqa mill-imputat Francis Mallia u mieghu kellu bhala passiggiera lil Roderick Azzopardi u lil Shaun Robson, li minnhom hadd ma wegga'. Ezebixxa l-iskizz u r-rapport tal-habta mhejjija minnu li gew immarkat bhala Dok. "JF" u "JF 1" (*a fol.* 31 *et seq.*) rispettivament. Jghid li l-imputat qallu li ra vettura wieqfa quddiemu u x'hin mar biex jibbrejkja l-vettura tieghu skidjat u spicca habat go fiha. Jghid li x-xufier tal-vettura l-ohra (cioé Brandon) qallu li waqaf fil-genb tat-triq biex jirrispondi l-*mobile* u fid-daqqa u l-hin hass daqqa fuq wara. Jghid li l-kundizzjonijiet tat-triq kienu tajba.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **Clayton Falzon** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn qal li kien flimkien ma' huh iz-zghir Ryan Falzon u ma' Brandon Muscat u Dean Sciberras. Jixhed li kienu fil-vettura Peugeot wieqfa l-Armier, faccata tat-Torri l-Ahmar, u jghid li kienu pparkjati fil-genb wara l-*line*. Jghid li x-xufier kien Brandon Muscat u jispjega li hu (Clayton Falzon) kien bil-qieghda fuq is-*seat* tal-passiggier tal-vettura. Jghid li kienu qeghdin jistennew lil shabhom biex imorru jixtru l-laham biex jaghmlu *barbeque*. Jghid: *"l-ewwel haga smajt qisu hoss ta' karozza qed titlef il-kontroll taghha u fl-istess hin harist fil-mera n-naha tad-driver u rajt il-vann gej go fina"* (*a fol.* 44). Jixhed li spicca rasu fuq id-*dashboard* u li spicca taht xokk. Jghid li ttiehed l-isptar fejn sarulu xi tliet (3) punti f'ghajnejh tax-xellug u erba' (4) punti f'siequ. Jghid li baqghitlu marka permanenti wara l-irkoppa ta' siequ. Jixhed: *"Ghandi ferita bhal ma ghidtlek b'erba' (4) punti baqghet bil-marki ghax anke t-tabib stess dak il-hin qalli li l-quddiem mhux se tihhilja u tigi laham normali izda l-laham mhux lanqas l-istess kulur tal-gilda u baqghetli marka permanenti"* (*a fol.* 45). Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "CF" (*a fol.* 47) li jghid li gie miktub mit-tabib u li juri l-griehi li sofra.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **Ryan Falzon** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien flimkien ma' Brandon Muscat, Clayton Falzon u Dean Sciberras u jghid li kienu weqfin fil-vettura fil-Mellieha *"biex incemplu lil shabna biex naraw fejn qeghdin u s'hemmhekk, imbaghad niftakar li qomt u narana hekk"* (*a fol.* 48). Jghid li hu kien wara l-passiggier u li Brandon Muscat kien qed icempel. Jghid li bid-daqqa moghtija mill-vann intilef minn sensieh. Jghid li ma rax lill-vann jidhol fihom. Meta gie f'sensieh jghid li ra lil kulhadd mghaffeg: ra lil Dean Sciberras mixhut fuq is-*seat* bid-demm ma' wiccu u lil huh, li kien bil-qieghda bhala passiggier fuq quddiem, fejn il-*windscreen*. Jghid li x-xufier Brandon Muscat kien mghaffeg kompletament. Jghid li meta hareg mill-vettura l-ewwel ra l-vettura mghaffga mal-hajt u wara ra l-vann li kien quddiemhom. Ezebixxa ritratt li ttiehed minnu li gie mmarkat bhala Dok. "RF" (*a fol.* 54). Jghid li fuq il-post marret ambulanza li hadet lil Clayton Falzon, Brandon Muscat u Dean Sciberras l-iSptar. Jghid li ttiehdu zewg ritratti mill-pagna tal-*Facebook* tal-Pulizija li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "RF 2" (*a fol.* 55) u Dok. "RF 3" (*a fol.* 56). Mistoqsi jghid fejn kienu meta waqfu biex jitkellmu, wiegeb: *"Ahna kien hemm qisha drive-in ta' dar u ahna waqafna hemmhekk fil-genb jigifieri li kompletament m'ghandiex x'taqsam mat-triq biex incemplu kif ghidtlek"* (*a fol.* 51). Jghid: *"Fejn bus stop proprjament ghax hemm drive-in u hdejha hemm il-bus stop"* (*a fol.* 51). Jghid li ma kienux fil-karreggjata tat-triq. Fuq Dok. "RF 3" (*a fol.* 56) jghid li jidhru l-vettura u l-*bus stop*, fejn jghid li mbaghad tidhol il-gewwa u hemm id-*drive-in* tad-dar. Jghid li qabel l-incident il-vettura kienet naqra lura mill-*bus stop*. Jghid li kienu wara l-*lane* biex ma jimblukkawx it-triq. Jghid li ma kienux f'nofs it-triq. Jispjega li bid-daqqa moghtija mill-vann, il-vettura li kien fiha spiccat il-quddiem. Jghid li kellu zewg daqqiet f'saqajh pero jghid li ma rax tabib.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk it-triq li kienu weqfin huma fiha hijiex traffikuza jew kwieta, jghid li hija kwieta hafna. Jghid li kienu ghaddejjin ftit vetturi: isemmi zewg jew tliet vetturi. Ikkonferma li hemm *roundabout* vicin ta' fejn kienu weqfin u jsemmi distanza ta' madwar hamsin metru.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **Brandon Muscat** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn spjega li kien fil-vettura tieghu Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni JAE 476 u li hu kien fuq is-*seat* tax-xufier u li flimkien mieghu kien hemm Clayton Falzon, Ryan Falzon u Dean Sciberras. Jghid li kienu sejrin jixtru l-laham ma' grupp iehor li kienu f'vettura ohra. Jghid li kienu l-Armier u *"kif ahna u sejrin daqqli l-mobile u waqaft fil-genb biex nirrispondih u tfejt il-karozza. U jigifieri kif hrigt il-mobile minn dak il-hin l-hemm ma nafx, hassejt daqqa kbira minn wara gol-karozza u mbaghad li niftakar ftahna l-bieba ma nafx kif hrigna jigifieri"* (*a fol.* 58). Jghid li hekk kif hareg il-*mobile*, sema hoss ta' brejk qawwi gej minn warajh, hares fil-mera ta' fuq u ra vettura diehla go fihom. Ma jiftakarx il-kulur taghha pero' jghid li jiftakar id-daqqa. Ma jiftakarx x'gara pero' jghid li sab ruhu barra u jiftakar li Clayton u Ryan kienu hargu mill-vettura u li Dean kien ghadu fil-vettura. Jghid li Dean ma kienx jaf x'inhu jigri u jghid li ghen lil Dean johrog mill-vettura. Jispjega li kellu tliet (3) punti taht l-*eye brow* tan-naha tax-xellug u li l-vettura spiccat *total loss*. Jixhed li l-vettura kienet *second-hand* u kienet ilha ghandu ftit inqas minn sena. Jghid li xtraha €1,500. Fuq Dok. "RF" (*a fol.* 54) ra l-vettura tieghu. Jghid: *"dhalt barra l-lane ta' fejn jghaddu l-karrozzi, fejn hawn il-hajt jigifieri, qbizt dan il-line [...] li hemm fuq ix-xellug"* (*a fol.* 60). Jghid li kien il-gewwa mil-*line*. Mistoqsi fuq il-vettura sewda li tidher f'Dok. "RF 3" (*a fol.* 56), jixhed: *"Dahlet go fina nahseb hu, li hadna d-daqqa biha minn wara"* (*a fol.* 60). Jghid li jiftakar vettura gejja go fihom pero' jghid li ma jafx x'kienet u anqas jekk kinitx kbira jew zghira. Jghid li meta hareg mill-vettura mar ikellmu l-imputat u qallu biex jiehu hsieb shabu. Meta ra dokument *a fol.* 4 jghid li dan huwa r-rapport tal-iSptar.

In <u>kontro-ezami</u> mitlub jikkonferma jekk fil-vicin ta' fejn kien ipparkjat bil-vettura kienx hemm *roundabout*, wiegeb: *"Imma aktar il-boghod, trid tibqa' hiereg ghar-roundabout"* (*a fol.* 61). Jghid li vicin hemm wahda, pero' jghid li kien fadal ghaliha. Ghad-domanda: *"minn meta inti waqaft ipparkjajt biex tirrispondi l-mobile ghal meta gara l-incident kemm kien ghadda hin, ftit sekondi, minuti?"* (*a fol.* 62), wiegeb: *"Lanqas sekonda ghax kif hrigt il-mobile. [...K]if hrigtu biex nara min cempilli smajt hoss u harist fil-mera u hadna d-daqqa"* (*a fol.*

62). Jghid li lanqas lehaq irrisponda u lanqas jaf min cempel. Jikkonferma li waqaf biex jirrispondi l-*mobile*.

In <u>ri-ezami</u> jghid li x'hin sehh l-incident ma kienx qed isuq. Mistoqsi jghid jekk qabadx il-*mobile* malli ha d-daqqa, wiegeb: *"Le, daqq il-mobile u soqt fil-genb fejn qieghda l-karozza pparkjata wara l-line, waqaft u mbaghad hrigt il-mobile u kif hrigt il-mobile u harist fil-mera hadna d-daqqa mal-ewwel"* (*a fol.* 62).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **Dean Sciberras** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn qal li kien flimkien ma' Brandon Muscat, Clayton Falzon u Ryan Falzon u waqt li kienu pparkjati dahal fihom vann. Mistoqsi jghid fejn kienu pparkjati, jghid: *"Kwazi hdejn id-drive-in ta' dar"* (*a fol.* 64). Jghid li kienu l-Armier. Mistoqsi jghid ghala kienu weqfin, jghid li ghax ix-xufier ircieva telefonata u *"waqafna fil-genb biex nistennew ghax cemplu lil min konna maghhom qalulna biex nistennewhom"* (*a fol.* 64). Jispjega li Brandon Muscat kien fil-post tax-xufier u kif waqqaf il-vettura u rrisponda t-telefon ma tantx jiftakar aktar peress li mad-daqqa ntilef minn sensieh. Jghid li hu kien wara x-xufier. Jghid li ma jiftakar xejn x'gara waqt il-habta. Jghid li gie f'sensieh fil-mument li kien qed jinhareg mill-vettura. Jghid li kellu hafna dmija, kellu ugiegh ta' ras u ghamlulu punti fuq idu l-leminija. Jghid li ma kellux ksur. Jghid li ommu ghamlitlu *butterfly stitches* li tixtri mill-iSpizerija. Spjega x'jirrizulta minn dokument *a fol.* 5.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid kemm ghaddew sekondi minn mindu siehbu rrisponda l-*mobile* sakemm gara l-incident, wiegeb: *"Ma niftakarx ezatt ta'"* (*a fol.* 67). Jghid: *"Jien niftakar hafna bicciet zghar, patches ta' hinijiet qisu, per ezempju niftakar wiegeb il-mobile mbaghad sakemm igib il-mobile sad-daqqa ma niftakarx"* (*a fol.* 67). Jghid: *"Imbaghad niftakarni nohrog mill-karozza, kif wasalt l-iSptar ma niftakarx, hafna affarijiet hekk"* (*a fol.* 67). Jaqbel li vicin fejn kienu weqfin hemm *roundabout*. Jghid li minn fejn kienu huma sa fejn hemm ir-*roundabout* hemm, bejn wiehed u iehor, hamsin metru. Mistoqsi jghid jekk hux warajhom jew qabilhom, wiegeb: *"Quddiemna, qabilna"* (*a fol.* 67).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, xehed **Dr. Paul Zammit** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn spjega li c-certifikat li jinsab *a fol.* 5 gie mahrug minnu. Jghid li dan inhareg fil-15 ta' Awwissu 2014 u li huwa ra lil Dean Sciberras fid-9.15pm. Jghid li bhala griehi kellu brix fuq rasu u kellu l-polz tan-naha tal-lemin minfuh. Jixhed li l-*x-rays* li saru ma kienux wrew ksur u b'hekk il-griehi gew ikklassifikati bhala hfief.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, xehed **Dr. Neville Borg** (*a fol.* 97) fejn wara li ra dokument li jinsab *a fol.* 22 ikkonferma li dan huwa affidavit tieghu. Jghid li ezamina lil Clayton Falzon fil-15 ta' Awwissu 2014 fejn iccertifika li kellu grif fuq mohhu u qata' f'ghajnejh ix-xellugija. Jghid li kienet taht il-livell tax-xaghar u kellu bzonn jaghmel il-punti u b'hekk l-griehi gew klassifikati bhala ta' natura gravi.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2018, xehed l-imputat **Francis Mallia** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 101 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien ghand shabu li ghandhom *boat house* t-Torri l-Abjad, cioé l-ahhar bajja wara l-Armier. Jghid li kien mal-mara u t-tifla u ddecidew li jaghmlu pizza u qabduh biex imur jixtri d-dqieq mill-Mellieha. Jixhed: *"Imbaghad jien u tnejn minn shabi qbadna t-triq biex immorru lejn il-Mellieha. Kif ghaddejt it-triq id-dritta giet l-ahhar liwja u nnutajt li fix-xifer tat-triq qed jingemgha t-traffic. Ghafast il-brejkijiet biex nisslowja naqra l-vettura biex nipprepara u kif ghafast il-brejkijiet il-van tlift il-kontroll tieghu. Imbaghad gara l-accident"* (*a fol.* 102). Jghid li l-kundizzjoni tat-triq kienet wahda tajba u jghid li kienet hafna shana. Jghid li kien qed isuq b'velocita' ta' bejn wiehed u iehor 40-50 kilometru fis-siegha. Jispjega li meta mess il-brejkijiet biex jibda jisslowja, minflok slowja, il-vettura griet aktar, *"marritli fuq genb kont ser nidhol go garaxx ksirt l-isteering, ghafast il-gas, kont qieghed go karozza u ppanikkjajt u mbaghad tlift il-kontroll totali"* (*a fol.* 102). Jghid li ra vettura gejja go fih bil-kontra, allura kiser u kien hemm vettura pparkjata fil-genb u baqa' diehel fiha. Jghid li fil-vettura l-ohra kien hemm erba' minn nies. Jghid li ilu jahdem mal-Alberta wiehed u ghoxrin sena u li xoghlu huwa dak ta' *Project Manager* u ta' kuljum ikun irid imur fuq il-progetti l-

kbar. Ghad-domanda jekk il-vettura hijiex essenzjali ghax-xoghol tieghu, wiegeb: *"Nofs xoghli hux"* (*a fol.* 104).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehed **Roderick Azzopardi** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn qal li l-kunjata tieghu ghandha *boat house* u jkunu l-Armier u mar hdejhom l-imputat bil-familja tieghu. Jghid li ddecidew li jaghmlu *pizza night* u ddecidew li jmorru jixtru d-dqieq. Jghid li kienu hu, l-imputat u xi hadd iehor. Jghid li hu kien fuq wara u l-imputat kien qed isuq il-vettura. Jghid: *"U qbadna hergin it-triq lejn l-ahhar ftit tat-triq giet kantuniera Frans beda jnaqqas u minn hemm il-karozza iktar bdiet tigri 'l quddiem kif beda jnaqqas fl-ahhar kisra u kulma smajt jien "bum" u ma nafx x'gara iktar"* (*a fol.* 108). Jghid li qabel sehh l-incident l-imputat kien qed isuq normali. Jghid li dak il-hin fit-triq kien hemm il-vetturi u li kienu ghaddejjin b'erbghin jew b'hamsin minghajr ma jispecifika jekk hux mili jew kilometri. Jghid li meta l-vann beda jigri aktar milli beda jnaqqas, *"beda jzomm il-brejk"* (*a fol.* 108).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-persuna l-ohra li kien hemm fil-vettura kien Shaun kunjomu ma jafux.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza tirrigwarda incident stradali li sehh fil-15 ta' Awwissu 2014 fl-ahrax tal-Mellieha meta l-imputat li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GQZ 080 baqa' diehel go vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE 476 li fil-hin tal-incident kienet wieqfa fil-genb tat-triq u li fiha kien hemm ix-xufier Brandon Muscat u mieghu kien hemm tliet passiggieri. Fil-vettura misjuqa mill-imputat kien hemm zewg passiggieri. Bl-impatt fuq wara mill-vettura tal-imputat fuq il-vettura li fiha kien hemm Brandon Muscat, il-vettura li fiha kien hemm Brandon Muscat baqghet diehla go hajt u apparti hsarat fuq wara taghha garrbet ukoll hsarat fuq quddiem.

Illi eventwalment ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat fejn gie akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti tat-traffiku kkawza hsarat ghad-dannu ta' Brandon Muscat, li kkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Brandon Muscat u Clayton Falzon u li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dean Sciberras.

**Ikkunsidrat**

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li qalu Brandon Muscat, l-imputat u kif ukoll il-persuni li kien hemm fiz-zewg vetturi nvoluti fl-incident stradali *de quo* dak il-hin tal-akkadut *a tempo vergine* lil PS 1300 Julian Fenech u li jirrizulta fl-okkorrenza (Dok. "JF 1" – *a fol.* 32 *et seq.*) redatta minnu.

- Brandon Muscat, xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE 476, qal hekk: *"Jiena kont qed nsuq il-barra mill-ahrax tal-Mellieha, meta waqaft fil-genb tat-triq sabiex nirrispondi l-mobile. F'hin minnhom x'hin kont wieqaf nisma hoss qawwi gej minn wara u nhoss daqqa kbira u ma nafx x'gara aktar"* (*a fol.* 34).

- Ryan Falzon, Clayton Falzon u Dean Sciberras, li kienu passiggieri fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE 476, qalu hekk: *"Jien kont passiggier fil-vettura JAE 476, fejn f'hin minnhom konna weqfin fil-genb tat-triq u hassejt daqqa kbira minn wara"* (*a fol.* 34; *a fol.* 35; *a fol.* 36).

- L-imputat Francis Mallia, xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GQZ 080, qal is-segwenti: *"Jiena kont qed nsuq il-vettura tieghi hiereg l-barra mill-ahrax tal-Mellieha u nikkalklula li kont ghaddej bis-60 bhala speed. F'hin minnhom rajt karozza quddiemi wieqfa u x'hin mort biex nibbrekja l-vettura tieghi harbet bil-konsegwenza li habtet gol-vettura l-ohra"* (*a fol.* 38).

- Shaun Robson, li jidher li kien passiggier fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GQZ 080 qal: *"Jiena kont passiggier fil-vettura GQZ 080, meta f'hin minnhom x-xufier mar jibbrejkja u l-vettura taghna skiddjat ghal go vettura ohra li kienet wieqfa"* (*a fol.* 39). Robson ma tressaqx biex jixhed fil-proceduri odjerni.

- Roderick Azzopardi, li kien passiggier fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GQZ 080, qal: *"Jiena kont passiggier fil-vettura GQZ 080, meta konna hergin mill-ahrax tal-Mellieha, ix-xufier mar jibbrekja ghax kien hemm vettura wieqfa izda l-vettura taghna skidjat u habtet gol-vettura wieqfa"* (*a fol.* 39).

Illi l-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lill-Pulizija ezatt wara l-incident, u kif ukoll ta' dawk li taghhom ittiehdet il-verzjoni u li xehdu fil-proceduri odjerni kif jirrizulta hawn fuq, huma simili ghal dak li huma xehdu quddiem il-Qorti. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li kien biss quddiemha li l-imputat isemmi li ra vettura gejja go fih bil-kontra bil-konsegwenza ta' liema jghid li kiser u baqa' diehel fil-vettura li fiha kien hemm Brandon Muscat u shabu. Dan ma qalux lill-Pulizija *a tempo vergine* ezatt wara l-akkadut!

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza s-sewqan *per se* tal-imputat, il-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra l-fatt li l-imputat jallega li meta huwa mar biex jibbrejkja l-vettura tieghu, il-vettura ziedet il-velocita'. *Di fatti*, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha d-difiza tghid hekk: *"Illi izda gara illi l-vettura tieghu meta gie biex jibbrekja minflok naqset il-velocita' taghha iktar ziedet il-velocita' bil-konsegwenza illi anke sabiex jevita vettura illi kienet fuq in-naha opposta ghamel manuvra bil-konsegwenza illi baqa' diehel f'din il-vettura in kwistjoni illi giet ipparkjata mal-genb b'mod hazin"* (*a fol.* 119). Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li z-zewg passiggieri li kienu fil-vettura tal-imputat qalu lill-Pulizija *a tempo vergine* li l-vettura li kienu fiha skidjat ghal fuq vettura ohra.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Caruana** moghtija fit-3 ta' April 2003 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. James Abela** [11.7.2002] jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew *"circumstantial evidence"* li joholqu certi *"presumptions of fact"* kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.

Illi gie ukoll ritenut li *"ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll"* [App. Krim. **Pulizija vs. Neville John Psaila**; 20.3.2003].

Illi, kif intqal, fil-kaz in ezami l-appellant qed iqajjem id-difiza tal-*"casus"* kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Illi gie ritenut appropositu minn din il-Qorti li: *"F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid". Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident". Ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu w li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" sic et simpliciter, imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali".* [**Il-Pulizija vs. Carmel Cachia** – Vol. XXXVII, iv. p.920]".

Illi, diga nghad aktar il-fuq li, fil-kaz odjern, id-difiza tissottometti illi meta l-imputat mar biex jibbrejkja minflok il-vettura naqset il-velocita' taghha hija aktar ziedet il-velocita'.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- M'ghandux ikun hemm dubju li fil-hin tal-incident il-vettura li fiha kien hemm Brandon Muscat u shabu kienet wieqfa fil-genb tat-triq.

- Ghal xi raguni jew ohra l-vettura misjuqa mill-imputat tilfet il-kontroll tant li *a tempo vergine* l-imputat lill-Pulizija qallu li hekk kif mar biex jibbrejkja l-vettura tieghu *"harbet"* (*a fol.* 38). Quddiem il-Qorti huwa qal li hekk kif ghafas il-brejk *"il-vann tilef il-kontroll tieghu"* (*a fol.* 102).

- L-incident sehh fil-15 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tas-19.15. Ma jirrizultax li t-triq kienet qed tizloq minhabba xi haga u anqas ma jirrizulta li l-kundizzjonijiet tat-temp kienu hziena. Kemm PS 1300 Julian Fenech u kif ukoll l-imputat xehdu li l-kundizzjoni tat-triq kienet tajba.

- Minn harsa lejn l-okkorrenza mmarkata bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 32 *et seq.*) jirrizulta li l-vetturi in kwistjoni garrbu hsarat konsiderevoli. Dan jirrizulta wkoll mir-ritratti mmarkati bhala Dok. "RF" (*a fol.* 54), Dok. "RF 2" (*a fol.* 55) u Dok. "RF 3" (*a fol.* 56). Filwaqt li l-vettura misjuqa mill-imputat garrbet hsarat biss fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem, il-vettura li fiha kien hemm Brandon Muscat garrbet hsarat kemm fuq quddiem u kif ukoll fuq wara.

- Mill-iskizz (Dok. "JF" – *a fol.* 31) u mir-ritratt mmarkat bhala Dok. "RF 3" (*a fol.* 56) jirrizulta li z-zewg vetturi spiccaw f'certu distanza minn xulxin.

- L-impatt moghti mill-vettura misjuqa mill-imputat fuq il-vettura wieqfa li fiha kien hemm Brandon Muscat u shabu kien wiehed qawwi hafna tant li, per ezempju, filwaqt li Clayton Falzon jghid li huwa spicca rasu fuq id-*dashboard*, Ryan Falzon u Dean Sciberras jghidu li mad-daqqa ntilfu minn sensiehom. Tant l-impatt kien wiehed qawwi hafna li, kif diga nghad, bid-daqqa moghtija mill-vettura misjuqa mill-imputat, il-vettura li fiha kien hemm Brandon Muscat spiccat giet imbuttata fuq hajt b'konsegwenza ta' liema garrbet hsarat konsiderevoli.

Mehud in konsiderazzjoni dan kollu, il-Qorti jirrizultalha li minkejja li quddiem il-Qorti l-imputat jghid li kien qed isuq b'velocita' ta', bejn wiehed u iehor, 40-50 kilometru fis-siegha, dan

ma jirrizultax li kien il-kaz. Kieku verament kien il-kaz li l-imputat kien qed isuq bl-i*speed* li jghid kien qed isuq bih kieku l-hsarat fiz-zewg vetturi ma kienux ikunu tali bhal ma effettivament garrbu u kieku l-vettura tal-imputat ma kinitx tispicca fejn spiccat! Ma' dan il-Qorti zzid ukoll li setgha jkun il-kaz li hadd mill-persuni li garrbu l-feriti ma kien igarrabhom!

Minn dak kollu li nghad hawn fuq u minn dak li semghet il-Qorti, il-Qorti hija tal-umli fehma li l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat ma jispjegax li dak li gara sar bla ebda tort tieghu. Mill-provi indizjarji l-Qorti hija tal-fehma li dak li gara setgha gara minhabba li l-imputat ghafas il-*gas* flok il-brejk jew inkella ghax ma kienx attent u ntebah tard wisq bil-vettura wieqfa ta' Brandon Muscat! Apparti l-fatt li l-Qorti mhijiex ser tikkunsidra l-incident bhala wiehed ta' *casus*, il-Qorti tinnota wkoll li kieku l-imputat ma kienx qed isuq bi *speed* li jista' jitqies mhux baxx, kieku l-incident setgha jigi evitat jew inkella kien ikun ta' anqas dannu.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid li l-imputat *"baqa' diehel f'din il-vettura in kwistjoni illi giet ipparkjata mal-genb b'mod hazin [minghajr lanqas indikazzjoni ta' xejn illi kienet vettura wieqfa"* (*a fol.* 119-120). Il-Qorti tinnota li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper lookout*. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**[1], il-Qorti ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[2] u sostniet:

[1] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004].
[2] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

> "Gie approppositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view"* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li *'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout'* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well".*

Minkejja dak sottomess mid-difiza, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li Brandon Muscat ta lok sabiex sehh l-akkadut u l-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte tieghu u b'hekk Brandon Muscat m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

Ghaldaqstant, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh minhabba l-*ispeed* li kien qed isuq bih l-imputat u tal-fatt li ma kellux kontroll shih tal-vettura kif huwa obbligat li jkollu.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Hsara Involontarja ghad-dannu ta' Brandon Muscat)</u>**:
Illi m'hemmx dubju li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE 476 proprjeta' ta' Brandon Muscat garrbet hsarat. Dan jirrizulta kemm mid-depozizzjoni tieghu, kemm mill-okkorrenza (Dok. "JF 1" – *a fol.* 32 *et seq.*) u kif ukoll mir-ritratti mmarkati bhala Dok. "RF" (*a fol.* 54) u Dok. "RF 2" (*a fol.* 55). Ta' min jinnota li l-imputat fl-ebda hin ma cahad li huwa kkaguna hsarat fil-vettura ta' Muscat. Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li fid-depozizzjoni tieghu

Brandon Muscat jghid li xtara l-vettura *second hand* u jghid li xtraha €1,500. Jghid ukoll li l-vettura spiccat *total loss*.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew addirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament preseduta qalet:
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*
>
> U kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs. Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs. Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs. Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputat kien zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu. Dan qieghed jinghad meta wiehed jikkunsidra dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza. Minkejja dan, il-Qorti ma tirravizax fis-sewqan tal-imputat dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz u bla kont.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad fuq, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Offiza ta' Natura Gravi fuq il-Persuna ta' Brandon Muscat)</u>**:
Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tibda billi taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta'

> tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- PS 1300 Julian Fenech jghid (*a fol.* 27 *et seq.*) li Brandon Muscat gie certifikat li kellu *grievous injuries*. Da parte tieghu, PS 1300 Julian Fenech gharaf ic-certifikat li jinsab *a fol.* 4 u li jikkoncerna lil Brandon Muscat. Dan ic-certifikat gie rilaxxat minn Dr. Esther Ikahu.

- Brandon Muscat jghid (*a fol.* 57 *et seq.*) li kellu tliet (3) punti taht l-*eye brow* tan-naha tax-xellug u li l-vettura spiccat *total loss*.

- Fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 94), il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kinitx qed tinsisti ghax-xhieda ta' Dr. Esther Ikahu u ddikjarat ukoll li l-imsemmija xhud ma kinitx ghadha tirrisjedi fil-Gzejjer Maltin.

Illi stante illi Dr. Esther Ikahu baqghet qatt ma kkonfermat bil-gurament ic-certifikat rilaxxat minnha u li jinsab *a fol.* 4, il-Qorti ma ghandhiex prova tal-fatt li Brandon Muscat sofra offizi ta' natura gravi. Il-Qorti kif preseduta ma setghetx lanqas tikkonstata dan peress li Brandon Muscat xehed meta l-kawza kienet ghadha qed tinstema quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u cioé qabel il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta. Minkejja dan, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad aktar il-fuq fir-rigward tad-dinamika tal-incident, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-fatt li effettivament Brandon Muscat sofra offizi fuq il-persuna tieghu u ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-verzjoni moghtija minnu waqt id-depozizzjoni tieghu (u li t-traskrizzjoni taghha tifforma parti mill-atti processwali) u dana b'mod specjali meta Brandon Muscat jghid li kellhom isirulu tliet (3) punti taht l-*eye brow* tan-naha tax-xellug. Il-Qorti tqis id-depozizzjoni ta' Brandon Muscat bhala wahda kredibbli (u dana aktar u aktar meta l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-assiem tal-provi prodotti). Il-Qorti tinnota wkoll li anke fid-depozizzjoni tieghu PS 1300 Julian Fenech jaghmel riferenza ghac-certifikat rilaxxat fil-konfront ta' Brandon Muscat u li jinsab *a fol.* 4.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li l-imputat mhuwiex ser jigi misjub hati talli nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Brandon Muscat. Minkejja dan, il-Qorti ma ghandhiex dubju li Brandon Muscat sofra offizi ta' natura hafifa u b'hekk il-Qorti ser ssib htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno* u dana *stante* li l-Qorti jidhrilha li ghandha tinstab htija fl-imputat talli kkaguna offizi ta' natura hafifa fil-konfront ta' Brandon Muscat

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**
**(Offiza ta' Natura Gravi fuq il-Persuna ta' Clayton Falzon)**:

Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza li ssir riferenza ghaliha fil-konsiderazzjonijiet rigward it-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- PS 1300 Julian Fenech jghid (*a fol.* 27 *et seq.*) li Clayton Falzon gie certifikat li kellu *grievous injuries*. Da parte tieghu, PS 1300 Julian Fenech gharaf ic-certifikat li jinsab *a fol.* 3 u li jikkoncerna lil Clayton Falzon. Dan ic-certifikat gie rilaxxat minn Dr. Neville Borg.

- Clayton Falzon jghid (*a fol.* 43 *et seq.*) li spicca rasu fuq id-*dashboard* u li spicca taht xokk. Jghid ukoll li ttiehed l-isptar fejn sarulu xi tliet (3) punti f'ghajnejh tax-xellug u erba' (4) punti f'sieqv. Jixhed li baqghitlu marka permanenti wara l-irkoppa ta' sieqv.

- Dr. Neville Borg ikkonferma (*a fol.* 97) li ezamina lil Clayton Falzon fil-15 ta' Awwissu 2014 fejn iccertifika li kellu grif fuq mohhu u qata' f'ghajnejh ix-xellugija. Jghid li kienet taht il-livell tax-xaghar u li kellu bzonn jaghmel il-punti u b'hekk il-griehi gew klassifikati bhala griehi ta' natura gravi. (*Vide* certifikat *a fol.* 3).

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Clayton Falzon, il-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha minnha, u li gew rapportati hawn fuq, li l-griehi sofferti minn Clayton Falzon kienu griehi ta' natura gravi. Il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat jekk l-offiza kkagunata fuq Clayton Falzon ggibx il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero' li huwa zgur huwa li l-offiza in kwistjoni hija wahda gravi. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Offiza ta' Natura Hafifa fuq il-Persuna ta' Dean Sciberras)</u>**:

Illi ghal darba ohra il-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza li ssir riferenza ghaliha fil-konsiderazzjonijiet rigward it-tieni (2) imputazzjoni u tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- PS 1300 Julian Fenech jghid (*a fol.* 27 *et seq.*) li Dean Sciberras gie certifikat li kellu griehi hfief. Da parte tieghu, PS 1300 Julian Fenech gharaf ic-certifikat li jinsab *a fol.* 5 u li jikkoncerna lil Dean Sciberras. Dan ic-certifikat gie rilaxxat minn Dr. Paul Zammit.

- Da parte tieghu Dean Sciberras jghid (*a fol.* 64 *et seq.*) li maddaqqa ntilef minn sensieh u li gie f'sensieh fil-mument li kien qed jinhareg mill-vettura fejn jghid li kellu hafna dmija u kellu ugiegh ta' ras u kellhom ghamlulu punti fuq idu l-leminija. Jghid li ma kellux ksur.

- Dr. Paul Zammit ikkonferma (*a fol.* 72 *et seq.*) li c-certifikat li jinsab *a fol.* 5 u li jikkoncerna lil Dean Sciberras gie mahrug minnu. Dr. Zammit xehed rigward il-griehi sofferti minn Dean Sciberras fejn jghid li l-griehi sofferti minn Sciberras gew iklassifikati bhala griehi ta' natura hafifa.

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni l-imputat ser jigi misjub hati li nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Brandon Muscat, l-imputat ser jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kif dedotti kontra tieghu.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu u li gew pruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni,

fosthom: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet u l-konsegwenzi tal-incident *de quo*.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kunsidrat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, filwaqt li taghti opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.
>
> Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".

Illi, tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 226(1)(b), 226(1)(c) u 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Francis Mallia hati tar-reat minuri kompriz u nvolut fit-tieni (2) imputazzjoni, u cioé ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Brandon Muscat, u ssibu hati wkoll tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-

raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u hames mitt Euro (€1,500).

Finalment, fir-rigward tat-talba kontenuta fic-*charge sheet* sabiex l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan, il-Qorti tichad tali talba minhabba ragunijiet specjali tenut kont tax-xoghol tal-imputat hekk kif jirrizulta mid-depozizzjoni tieghu.[3]

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[3] *Vide* sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Anthony Tanti** (moghtija fl-4 ta' Marzu 2014) u **Il-Pulizija vs. Christine Camilleri** (moghtija fl-14 ta' Gunju 2017).